MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2004

Numru 952/2003

Il-Pulizija
(Sp Edel Mary Camilleri)
vs
Carmel Tabone, iben Francis,
imwieled Valletta fl-24 ta'
diċembru, 1952

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fid-9 ta' novembru, 2003, u f'dati preċedenti, fir-Rabat, Malta, u fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, iffalsifika jew biddel, mingħajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew sinjali distintivi tax-xogħol tal-moħħ jew prodott ta' industrija jew manifattura, jew xjentement għamel użu ta' sinjali, tabelli jew emblemi li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegħ tali merkanzija; jew xjentement qiegħed fiċ-ċirkolazzjoni, bejgħ jew żamm għandu għal bejgħ jew importa għal

ħsieb ta’ kummerċ, merkanzija b’marka, sinjal jew emblema imxebbħin b’qerq u cioe’ aċċessorji bil-marka ‘Louis Vuitton’ foloz;

2. talli bi qliegħ jew bi skop ta’ kummerċ, stampa, immanifattura, idduplika, jew mod ieħor irriproduċja jew ikkopja, jew biegħ, qassam, jew mod ieħor offra għal bejgħ jew biex titqassam, xi artikolu jew xi ħaġa oħra bil-ksur tal-jeddijiet li joħorġu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna oħra protetti bil\jew taħt il-liġi ta’ Malta;

3. talli bi qliegħ jew bi skop ta’ kummerċ, stampa, immanifattura, idduplika, jew mod ieħor irriproduċja jew ikkopja, jew biegħ, qassam, jew mod ieħor offra għal bejgħ jew biex titqassam minn post jew minn ġewwa post li huwa kopert b’liċenzja, jew bħala parti minn attivita’ kkoperta b’tali liċenzja, xi artikolu jew xi ħaġa oħra bi ksur tal-jeddijiet li joħorġu mill-jeddijiet ta’ l-awtur li jkollha persuna oħra u protetti bil\jew taħt il-liġi ta’ Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali eżebita fis-seduta tat-22 ta’ marzu, 2004 fejn ta
l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta’ marzu, 2004 fejn l-imputat ammetta l-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta’ l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu. Rat
l-artikoli 298(1)(a)(b)(ċ)(f) u 298B tal-Kodiċi Kriminali u A.L. 120 ta’ l-1992 u tikkundannah għal ħlas ta’ multa ta’ ħamsin liri maltin (Lm50). Tordna l-konfiska u id-distruzzjoni tat-33 par kalżetti eżebiti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------